**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**

**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, it-Tlieta, tmienja (8) ta' April 2025

Kawża Nru 54/2024

**Ir-Repubblika ta' Malta**

***(Spettur Mario Xiberras)***

***(Avukat Tilden Tabone)***

Vs

**Abdelazim Salah Hasan Mohammed**

## A. Preliminari

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Abdelazim Salah Hasan Mohammed**, ta' sebgħa u għoxrin (27) sena imwieled Omdurman, Khartoum, Sudan fis-sbatax (17) ta' Frar 1997 u residenti ġewwa Pleasant Flats, Flat 1, Triq il-Qbajjar, Marsalforn, Żebbuġ, Għawdex detentur tal-karta tal-identita numru 9002342(A) talli matul il-lejl ta' bejn is-sitta u għoxrin (26) ta' Novembru u s-sebgħa u għoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta tal-għaxra nieqes kwart ta' filgħaxija (21:45hrs), ġewwa Sunset Flats, Flat 1, Triq il-Qbajjar, Żebbuġ, Marsalforn, Għawdex u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

(1) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Magdalena Alfvegren f'perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tal-istess Magdalena Alfvegren, liema offiża saret fuq persuna msemmija fl-artikolu 202(h) ossia l-imsemmija persuna li kienet qiegħdha tgħix fl-istess dar bħall-ħati jew li kienet tgħix mal-ħati qabel ma twettaq ir-reat u/jew il-persuna msemmija li qiegħdha jew kienet f'relazzjoni mal-ħati kemm bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le kif ukoll fejn id-delitt sar quddiem minuri jew dan ikun jista'jisma' x'ikun qed isir, u ċioe' offiża ta' natura gravi hekk kif iċċertifikata minn Dr. Oyljola Moyinowwa mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex;

(2) aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, inġurja lil Magdalena Alfvegren b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

(3) aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ħebb kontra l-persuna ta' Magdalena Alfvegren sabiex jinġurjha, idejjaqha jew jagħmel ħsara lilha jew lil ħaddieħor, kemm-il darba dan il-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Magdalena Alfvegren billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li titratta dan il-każ bħala każ ta' vjolenza domestika skond il-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'każ ta' ħtija għar-reati hawn fuq imsemmija, il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A, 532A u 532B tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi.

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali datata sitta u għoxrin (26) ta' Frar 2025[1] li permezz tagħha huwa bagħat lill-imputat Abdelazim Salah Hasan Mohammed biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

(i) Fl-Artikoli 214, 215, 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) Fl-Artikoli 202(h)(v)(vi) u (i), 222(1)(a) u 222A(7) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(iii) Fl-Artikoli 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(iv) Fl-Artikoli 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(v) Fl-Artikoli 15A, 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(vi) Fl-Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(vii) Fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt is-seduta tat-tnax (12) ta' Marzu 2025 ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fis-sitta u għoxrin (26) ta' Frar 2025 u f'dik l-

[1] Fol. 66 u 67 tal-atti proċesswali.

istess seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oġġeżżjoni sabiex il-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda imressqa mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-tnax (12) ta' Marzu 2025 fejn il-kawża tħalliet illum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Fil-qosor il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Novembru 2024 għall-ħabta tal-għaxra neqsin kwart ta' bil-lejl (21:45hrs) Graig Wilmott għamel kuntatt mal-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex fejn talab l-assistenza tal-istess Pulizija peress li ħabiba tiegħu bl-isem ta' Magdalena Alfvegren u s-sieħeb tagħha kienu qegħdin jiġġieldu fl-appartament numru wieħed (1) formanti parti minn korp bini bl-isem ta' Sunset Flats, fi Triq il-Qbajjar, Marsalforn. Il-Pulizija marru mill-ewwel fuq il-post fejn stabbilew li s-sieħeb ta' Magdalena kien ċertu Salah Hasan Abdelazim.

Magdalena stqarret mal-Pulizija li hija kienet ilha f'relazzjoni ma' Salah għal dawk l-aħħar ġimgħatejn. Spjegat li Salah kien sar aggressiv, kien tefagħha fuq is-sodda u ipprova joqtolha billi jifgaha. Qalet wkoll li taha daqqiet f'daharha.

Magdalena ġiet meħuda l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fejn hemmhekk ġiet ċertifikata li hija kienet qed issoffri minn feriti ta' natura gravi. Salah ġie arrestat. Wara li ingħata d-drittijiet legali kollha tiegħu u ikkonsulta ma' Avukat tal-Għajnuna Legali, l-akkużat għażel li jirrilaxxa stqarrija lill-Pulizija fejn huwa ċaħad l-allegazzjonijiet kollha ta' Magdalena. Huwa ċaħad li huwa kien ħebb għas-sieħba tiegħu. Meta ġie mistoqsi rigward il-ġrieħi li soffriet l-istess Magdalena, l-akkużat spjega li hija kienet weġġħet wara li waqgħet hija u tiela' t-taraġ. Huwa ċaħad bil-qawwa li kien taha bis-sieq. Eventwalment l-akkużat tressaq il-Qorti sabiex jiffaċċja l-akkużi odjerni.

## B. <u>Sinteżi tal-Provi Miġbura</u>

**<u>L-Ispettur Mario Xiberras</u>**[2] xehed li fis-sitta u għoxrin (26) ta' Novembru 2024, PS 1462 Joseph Attard infurmah li kien għadu kemm daħal rapport mingħand ċertu Graig Willmot fejn dan talab l-assistenza tal-Pulizija għax kien għaddej argument bejn koppja ġewwa Sunset Flats, Flat 1, Triq il-Qbajjar, Marsalforn. Il-Pulizija marru mill-ewwel fuq il-post fejn sabu lill-parte civile u lill-akkużat. Il-Pulizija ġew infurmati li kien seħħ argument bejn

[2] Fol. 38 et seq tal-proċess.

il-parte civile u l-akkużat u li anke intużat xi vjolenza fuq il-parte civile. Il-parte civile ittieħdet l-Isptar fejn irriżulta li kienet qed issoffri minn feriti ta' natura gravi – infatti kellha ksur fil-polz. L-akkużat ġie arrestat għax il-parte civile bdiet issostni mal-Pulizija li hija kienet ġiet aggredita mill-akkużat u li dan kien anke ipprova jifgaha. Allegat wkoll li hija laqtet daqqiet ta' sieq mingħand l-akkużat.

Ix-xhud kompla jgħid kif wara li l-akkużat ingħata d-drittijiet tiegħu u anke ikkonsulta ma' Avukat, l-istess akkużat għażel li jirrilaxxa stqarrija lill-Pulizija. Mistoqsi dwar il-feriti li kienet ġarrbet l-parte civile preċiżament il-fatt li hija kienet kisret il-polz, l-akkużat wieġeb li l-parte civile marret titla' t-taraġ biex iġġib il-karta tal-identita tagħha, waqgħet, laqgħet b'idha u b'riżultat ta' hekk weġġgħet idha.

## C. Kunsiderazzjonijiet dwar l-Imputazzjonijiet

Ikkunsidrat;

Minn eżami tal-atti proċesswali, jirriżulta li x-xhieda prinċipali u uniċi tal-akkadut kienu l-parte civile kif wkoll ċertu Graig Willmott. Madanakollu, l-ebda wieħed minn dawn iż-żewġ persuni ma xehdu f'dawn il-proċeduri. Dan minkejja li ż-żewġ persuni kienu debitament notifikati sabiex jattendu għas-seduta tal-għoxrin (20) ta' Diċembru 2024. Għalkemm inħarġu wkoll żewġ mandati ta' akkumpanjament fir-rigward ta' dawn iż-żewġ persuni għas-seduta ta' wara u ċioe dik tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar 2025,

dawn iż-żewġ xhieda baqgħu ma ġewx traċċati fiżikament u għalhekk il-mandati baqgħu mhux esegwiti.

Jirriżulta wkoll li l-Uffiċjali Prosekuturi għamlu diversi tentattivi sabiex il-parte civile tixhed f'dawn il-proċeduri. Kif ġie dikjarat fil-verbal tas-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar 2025, l-Uffiċjali Prosekuturi għamlu kuntatt dirett mal-istess parte civile sabiex jinfurmawha biex hija tattendi l-Qorti ħalli tagħti d-deposizzjoni tagħha b'rabta ma' dan il-każ. Il-parte civile pero infurmat lill-Uffiċjali Prosekuturi li hija kienet telqet lura lejn il-Polonja u ma ipprovdietx informazzjoni dwar jekk kinitx ġejja lura jew le f'dawn il-Gżejjer.

Kien reġa' sar tentattiv ieħor mill-Ispettur Mario Xiberras fejn għal darba oħra huwa ikkuntattja telefonikament lill-parte civile u spjegalha li hija riedet tixhed f'dawn il-proċeduri. Pero f'din l-okkażżjoni l-parte civile tat x'jifhem lill-Uffiċjal Prosekutur Mario Xiberras li hija ma kienx għad baqagħlha interess f'dawn il-proċeduri. Għalkemm permezz ta' email mibgħuta sussegwentement għal din it-telefonata, ġie spjegat lilha li hija kellha tibgħat dikjarazzjoni bil-miktub f'dan is-sens, tali dikjarazzjoni baqgħet lanqas ma intbagħtet minnha. Il-parte civile baqgħet ma dehritx sabiex tixhed.

Il-fatt li ż-żewġ xhieda prinċipali tal-Prosekuzzjoni – minkejja d-diversi tentattivi li saru mill-Uffiċjali Prosekuturi f'dan il-każ – ma tawx ix-xhieda tagħhom f'dawn il-proċeduri wassal sabiex il-Qorti ġiet sprovvista minn

provi kruċjali **li kienu tabilħaqq indispensabbli għall-każ**. Anke li kieku f'dawn il-proċeduri xehdu l-uffiċjali tal-Pulizija li marru fuq il-post, dan il-fatt waħdu xorta ma kienx sejjer ikun biżżejjed għal sejbien ta' ħtija. Dan għaliex il-Pulizija waslu fuq il-post wara l-akkadut u huma irrappurtaw biss dak li intqal lilhom mill-partijiet involuti. Peress għalhekk li l-provi kruċjali għal dan il-każ baqgħu ma inġabux, il-Qorti ma tista bl-ebda mod tasal sabiex tippronunzja ħtija fl-akkużat għall-akkużi indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju ta' ġudizzju. Għall-akkużi kollha li ġew ċitati, kienet meħtieġa *sine qua non* id-deposizzjoni tal-parte civile kif wkoll dik tax-xhud Graig Willmott li kif ġia ingħad baqgħu ma xehdux f'dawn il-proċeduri. Dan kollu ma kienx attribwibbli għal xi nuqqas tal-Prosekuzzjoni iżda għaliex sempliċiment il-persuni li għamlu r-rapport ġew jaqgħu u jqumu minn dawn il-proċeduri; il-parte civile saħansitra telqet minn dawn il-Gżejjer u lanqas ma wriet id-disponibbilita tagħha biex hija tixhed virtwalment f'dawn il-proċeduri. L-Uffiċjali Prosekuturi għalhekk spiċċaw fl-impossibilita li huma jressqu lix-xhieda prinċipali tal-każ sabiex isostnu l-każ tagħhom bil-konsegwenza għalhekk li l-imputazzjonijiet dedotti ma jistgħux jirriżultaw.

**D. Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, **il-Qorti mhux qiegħda issib lill-akkużat Abdelazim Salah Hasan Mohammed ħati tal-imputazzjonijiet** li ġew miġjuba fil-konfront tiegħu u qiegħda għalhekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**

**Joseph Grech**

**Deputat Registratur**